MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Numru. 168/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**
**SPETTUR RODERICK ZAMMIT**

**VS**

**RICHARD GAUCI**
**(ID Nru. 234966M)**

Illum, 29 ta` Jannar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Richard Gauci, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 234966M.

**Akkuzat talli:**

Fi Frar 2014 u fix-xhur u snin ta`qabel, gewwa diversi nhawi fil-gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta` xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta` xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, dan l-istess ufficjal jew impjegat fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu, bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala mpjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta` stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetii l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skont il-ligi;

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta` xi persuna jew entita` ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta` kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu;

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, ghamel qliegh ghal-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu bi hsara ta` haddiehor ghamel qliegh iehor b'qerq ghall-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 5 tal-Att kontra l-*Money Laundering* u

tipprocedi sabiex minnufih taghmel ordni temporanja ta` iffrizar tal-assi tal-imsemmi Richard Gauci.

F'kaz ta` htija l-Qorti giet gentilment mitluba, li wara li tinforma ruhha minn fatti specifici, u tkun ghal kollox konvinta li l-propjeta` inkwistjoni tkun inkisbet minn attivita` kriminali, din il-propjeta` tigi kkonfiskata.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 18, 112, 115, 127, 308, 309, 23A(2), 23(C)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat u wara li l-imputat inghata zmien adekwat ghar-ripensament.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-konfront ta` Richard Gauci, dina l-Qorti, wara li rat l-ammissjoni kkondizjonata u volontarja tal-imputat, m'ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief illi ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti qieghda tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu effettiv ta` prigunerija ta` tletin (30) xahar, li minnhom ghandhom jitnaqqsu z-zmien illi huwa ghamel taht arrest. Il-Qorti qieghda wkoll tinfliggi multa ta` ghaxart elef ewro (€10,000) li jithallsu fi zmien hames (5) snin mil-llum, u bhala garanzija l-imputat qieghed ipoggi Flat 4, Mayfair Court, Triq Sant, Aristocrats, St. Paul's Bay bhala ipoteka specjali. Dina l-Qorti qiedgha wkoll tordna l-interdizzjoni generali perpetwa tal-imputat skont l-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dina s-sentenza qiedgha tinghata wkoll *tenendo conto* l-kundizzjoni medika tal-imputat u tal-evidenza pprezentata.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------